MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Numru. 535/2009

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Damian Cauchi li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

1. attakka, ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti;

2. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS1163 Francis Schembri bhala persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dana is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. aktar talli kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

4. aktar talli ikkometta reat waqt li kien taht sentenza operattiva ta' Probation moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella nhar is-26 ta' Frar 2009, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Rat il-*pre-sentencing report* ipprezentat mill-Ufficjal tal-Probation Marylyn Attard.[1]

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni irregistrata mill-imputata ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-amissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, izda fuq kollox ir-rapport li sar mill-Probation Officer Marylyn Attard. Jidher illi l-imputat ibati mill-marda genetika tal-Huntingdon's Disease. X'aktarx illi minhabba f'dina l-kundizzjoni l-imgieba ta'l-imputat ma hijiex wahda normali. B'hekk l-imputat jispicca jikkometti sensiela ta' reati fosthom dawk li dwarhom l-imputat illum jinsab akkuzat bihom. Flimkien ma' dina l-problema ta' sahha, jidher illi l-imputat ma tantx kellu xi trobbija felici. Il-missier u ohtu jbatu wkoll minn dina l-kundizzjoni. Fil-fatt l-kundizzjoni hija diga avvanzata f'missier l-imputat tant illi huwa diga jinsab rikoverat gewwa l-isptar St. Vincent De Paule. Ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna ta' nies specjalizzati u professjonali sabiex l-imgieba tieghu tigi ikkontrollata u huwa jircevi l-kura li ghandu bzonn ghal

[1] Ara rapport Dokument MA a fol 23 et.s eq.

kundizzjoni li jbati minnha. Huwa evidenti ghalhekk illi piena karcerarja ma hijiex idonja ghal dana l-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 261(b),(e),(f) u (g), 263(a), 269(g), 270, 271(g), 278(2), 325(d), kif ukoll l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta'sena u nofs prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikoli 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, dana il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum. Il-Qorti qed tqieghed lil hati ta' ordni ta' supervizjoni taht is-sorveljanza ta'l-ufficjal tal-probation Marylyn Attard ghal zmien erba' snin mil-lum bil-kundizzjoni illi l-imputat isewgi il-kura kollha psikjatrika u medika li jenhtieg minhabba l-kundizzjoni medika tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza, jew jekk huwa jonqos milli josserva l-ordni imposta fuqu illum.

Il-Qorti tordna sabiex kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------